



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1424 tal-20 ta' Awwissu 2015 li japprova emenda mhix minuri fl-Ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomme du Limousin (DOP)]** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1425 tal-24 ta' Awwissu 2015 li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd bit-tatarun tal-borża li jtajru l-bandiera tal-Kroazja, ta' Franza, tal-Italja, ta' Malta jew ta' Spanja, jew li huma rreġistrati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi u li jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1426 tal-25 ta' Awwissu 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, għat-tiġieġ li jbidu, speċijiet minuri tat-tjur għas-simna u mrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Product) ⁽¹⁾** 6
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1427 tal-25 ta' Awwissu 2015 li jistabilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 10

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1424

tal-20 ta' Awwissu 2015

li japprova emenda mhix minuri fl-Ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomme du Limousin (DOP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispesifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Pomme du Limousin", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2007 ⁽²⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat id-domanda għall-emenda fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi ⁽³⁾.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma waslitilha ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-Ispesifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-Ispesifikazzjoni ppubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Pomme du Limousin" (DOP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 503/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jirreġistra ċerti ismijiet fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pohořelický kapr (DPO) — Žatecký chmel (DPO) — Pomme du Limousin DPO) — Tome des Bauges (DPO)) (ĠUL 119, 9.5.2007, p. 5).

⁽³⁾ ĠU C 120, 15.4.2015, p. 6.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1425**tal-24 ta' Awwissu 2015**

li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd bit-tatarun tal-borża li jtajru l-bandiera tal-Kroazja, ta' Franza, tal-Italja, ta' Malta jew ta' Spanja, jew li huma rreġistrati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi u li jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-ammont ta' tonn li jista' jaqbad bin-nases u l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-2015 fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 ⁽³⁾, jesiġi li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwota individwali allokata lill-bastimenti tagħhom b'tul ta' iktar minn 24 metru. Fil-każ tal-bastimenti tal-qbid iżgħar minn 24 metru u għan-nases, l-Istati Membri jridu minn tal-inqas jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-gruppi ta' bastimenti bi rkaptu simili.
- (3) Il-Politika Komuni tas-Sajd tfasslet b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd bi sfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin imsejjes fuq il-prekawzjoni.
- (4) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, fil-każ li, abbażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri u tagħrif rilevanti ieħor fil-pussess tagħha, il-Kummissjoni ssib li l-oportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea, għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri jitqiesu li ntużaw kollha għal irkaptu wieħed jew iktar jew għal flotta waħda jew aktar, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i) b'dan, u għandha tipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona, għall-irkaptu, għall-istokk, għall-grupp tal-istokkijiet jew għall-flotta rispettivi involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.
- (5) L-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni turi li l-oportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran, allokatu lill-bastimenti tas-sajd bil-purse seine, li jtajru l-bandiera tal-Kroazja, ta'Franza, tal-Italja, ta' Malta jew ta' Spanja, jew li huma rreġistrati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi ntużaw kollha.
- (6) Fl-10 u fl-24 ta' Ġunju 2015, il-Kroazja għarrfet lill-Kummissjoni li imponiet waqfien tal-attivitajiet tas-sajd tad-disa' bastimenti tas-sajd bit-tatarun tal-borża tagħha attivi fiż-żona tas-sajd tat-tonn fl-2015: sa mill-10 ta' Ġunju għal erba' bastimenti, mill-20 ta' Ġunju għal żewġ bastimenti u mill-24 ta' Ġunju 2015 għal tliet bastimenti, u b'hekk kien hemm projbizzjoni tal-attivitajiet kollha mill-24 ta' Ġunju 2015 f'24:00.
- (7) Fl-1, fl-4 u fid-9 ta' Ġunju 2015, Franza infurmat lill-Kummissjoni li kienet waqqfet l-attivitajiet tas-sajd tas-17-il bastiment tas-sajd bit-tatarun tal-borża tagħha attivi fiż-żona tas-sajd għat-tonn fl-2015: sa mill-1 ta' Ġunju għal 12-il bastiment, mill-4 ta' Ġunju għal tliet bastimenti u mid-9 ta' Ġunju għal żewġ bastimenti, u b'hekk kien hemm projbizzjoni tal-attivitajiet kollha sa mid-9 ta' Ġunju 2015 fl-10:02.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1).

- (8) Fit-30 ta' Mejju u fl-1 u fl-10 ta' Ġunju 2015, l-Italja għarrfet lill-Kummissjoni li kienet waqfiet l-attivitajiet tas-sajd tat-12-il bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħha li kienu attivi fiż-żona tas-sajd għat-tonn tal-2015: sa mit-30 ta' Mejju għal erba' bastimenti, sa mill-1 ta' Ġunju għal seba' bastimenti u mill-10 ta' Ġunju għall-bqija tal-bastimenti, li rriżulta fi projbizzjoni tal-attivitajiet kollha sa mill-10 ta' Ġunju 2015 fil-11:21.
- (9) Fit-3 ta' Lulju 2015, Malta għarrfet lill-Kummissjoni li kienet waqfiet l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħha li kien attiv fiż-żona tas-sajd għat-tonn tal-2015, sa mill-10 ta' Ġunju 2015 fit-8:00.
- (10) Fit-28 ta' Mejju, fl-1 ta' Ġunju u fl-1 ta' Lulju 2015, Spanja infurmat lill-Kummissjoni li kienet waqfiet l-attivitajiet tas-sajd tas-sitt bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħha attivi fiż-żona tas-sajd għat-tonn tal-2015: sa mit-28 ta' Mejju għal bastiment wieħed, sa mill-1 ta' Ġunju għal erba' bastimenti u mit-8 ta' Ġunju għall-bqija tal-bastimenti, li rriżulta fi projbizzjoni tal-attivitajiet kollha sa mit-8 ta' Ġunju 2015 fit-15:00.
- (11) Mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet tal-Kroazja, ta' Franza, tal-Italja, ta' Malta u ta' Spanja msemmija hawn fuq, hemm bżonn li l-Kummissjoni tikkonferma l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ikkonċernati li jtajru l-bandiera ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE kkonċernati jew li huma rreġistrati f'xi wieħed minnhom, b'seħħ sa mill-24 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard min-24:00 għall-Kroazja, sa mid-9 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mill-10:02 għal Franza, sa mill-10 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mill-11:21 għall-Italja, sa mill-10 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mit-8:00 għal Malta u sa mit-8 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mit-15:00 għal Spanja.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Sa mill-24 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard min-24:00 għandu jiġi pprojbit is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tal-Kroazja jew li huma rreġistrati hemmhekk.

It-tonn li jinqabad b'dawk il-bastimenti wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, ittrasferit jew żbarkat.

Artikolu 2

Sa mid-9 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mill-10:02 għandu jiġi pprobit is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera ta' Franza jew li huma rreġistrati hemmhekk.

It-tonn li jinqabad b'dawk il-bastimenti wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, ittrasferit jew żbarkat.

Artikolu 3

Sa mill-10 ta' Ġunju 2015 mhux aktar tard mill-11:21 għandu jiġi pprobit is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati hemmhekk.

It-tonn li jinqabad b'dawk il-bastimenti wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, ittrasferit jew żbarkat.

Artikolu 4

Sa mill-10 ta' Ġunju 2015 fit-8:00 għandu jiġi pprobit is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Malta jew li huma rreġistrati hemmhekk.

It-tonn li jinqabad b'dawk il-bastimenti wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, ittrasferit jew żbarkat.

Artikolu 5

Sa mit-8 ta' Ġunju 2015, mhux aktar tard mit-15:00 għandu jiġi pprobit is-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W tal-Oċean Atlantiku, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati hemmhekk.

It-tonn li jinqabad b'dawk il-bastimenti wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, ittrasferit jew żbarkat.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1426**tal-25 ta' Awwissu 2015****li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, għat-tiġieġ li jbidu, speċijiet minuri tat-tjur għas-simna u mrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Product)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti mitluba skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, għat-tiġieġ li jbidu, speċijiet minuri tat-tjur għas-simna u mrobbija għall-bajd, li trid tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żooloġiċi".
- (4) Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Marzu 2012 ⁽²⁾ u t-28 ta' Ottubru 2014 ⁽³⁾ l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, il-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin ma għandhiex effett negattiv fuq saħħet l-annimali, saħħet il-bniedem jew l-ambjent, u li hija għandha l-potenzjal li ttejjeb l-għalf biex tikseb proporzjon fit-tiġieġ għas-simna. Hija kkunsidrat ukoll li din il-konklużjoni tista' tiġi estiża għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd. Billi wieħed jista' jassumi li l-mod ta' azzjoni huwa l-istess fl-ispeċijiet kollha ta' tjur, din il-konklużjoni tista' tiġi estrapolata biex tinkludi l-ispeċijiet minuri ta' tjur tas-simna u li jiġu mrobbija għall-bajd. L-Awtorità mhijiex tal-fehma li jinħtieġu rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf, li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol u l-piperin turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u għall-grupp funzjonali "addittivi żootekniċi oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrimient tal-annimali, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.⁽²⁾ *EFSA Journal* 2012;10(3):2620.⁽³⁾ *EFSA Journal* 2014;12(11):3896.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formola kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			

Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: addittivi żootekniċi oħra (titjib fil-parametri żootekniċi).

4d10	DSM Nutritional Products AG rappreżentata fl-UE minn DSM Nutritional Products Sp. z o.o. Il-Polonja	Il-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol, u l-piperin	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Il-preparazzjoni tal-aċidu benzojku, it-timol, l-ewġenol, u l-piperin li jkollu kontenut ta':</p> <ul style="list-style-type: none"> — aċidu benzojku 80 %-83 % — timol 1 %-1,9 % — ewġenol 0,5 %-1 % — piperin 0,05 %-0,1 % — benzilsaliċilat, isoamilsaliċilat u transanetol ≤ 0,6 <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanzi attivi</i></p> <p>aċidu benzojku (purità ≥ 95,5 %): Numru CAS C₇H₆O₂: 65-85-0</p> <p>timol (1): C₁₀H₁₄O numru CAS 89-83-8</p> <p>ewġenol (1): C₁₀H₁₂O₂ numru CAS 97-53-0</p> <p>piperin (1): C₁₇H₁₉O₃N numru CAS 94-62-2</p> <p>Isoamilsaliċilat (1) numru CAS 87-20-7</p> <p>Benzilsaliċilat (1) numru CAS 118-58-1</p> <p>Transanetol (1) numru CAS 4180-23-8</p>	Tiġieġ għat-tismin Tiġieġ im-robbija għall-bajd Speċijiet minuri ta' tjur tas-simna u li jiġu mrobbija għall-bajd	—	—	300	<ol style="list-style-type: none"> 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt il-proċess ta' tgerbib. 2. L-addittiv m'għandux jitħallat ma sorsi oħra ta' aċidu benzojku jew benżoati. 3. Għas-sikurezza: waqt l-immaniġġjar għandhom jintużaw il-protezzjoni tan-nifs, in-nuċċali u l-ingwanti. 4. Doża minima rakkomandata 300 mg/kg ta' għalf sħiħ 	15.9.2025
------	---	---	--	---	---	---	-----	--	-----------

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formola kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-ġhalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
			<p>Metodu analitiku ⁽²⁾</p> <p>Għad-determinazzjoni tal-aċidu benzojku fl-addittiv u fil-pretaħlitiet tal-ġhalf:</p> <p>— Kromatografija Likwida ta' Eżekuzzjoni Għolja tal-Fażi Inversa abbinata ma' detettur tal-UV (RP-HPLC-UV).</p> <p>Għad-determinazzjoni tal-aċidu benzojku fil-pretaħlita tal-ġhalf:</p> <p>— Spettrometrija ta' Massa b'Dilwizzjoni ta' Isotopi permezz ta' Kromatografija b'fażi Gassuża (GC-IDMS)</p> <p>Għad-determinazzjoni tat-timol, l-ewġenol u l-piperin fl-addittiv tal-ġhalf:</p> <p>— Kromatografija tal-Gass abbinat ma' Ditektek tal-Jonizzazzjoni tal-Fjamma (GC-FID)</p>						

⁽¹⁾ JECFA, Online Edition: "Specifications for Flavourings". <http://www.fao.org/ag/agn/jecfa-flav/index.html#T>

⁽²⁾ Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jistgħu jinstabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1427**tal-25 ta' Awwissu 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	166,2
	ZZ	166,2
0709 93 10	TR	125,4
	ZZ	125,4
0805 50 10	AR	140,4
	BO	152,6
	CL	171,8
	UY	134,1
	ZA	144,2
	ZZ	148,6
	0806 10 10	BA
0808 10 80	EG	216,9
	MK	68,5
	TR	157,9
	ZZ	129,4
	AR	124,0
	BR	64,0
	CL	142,7
	NZ	149,0
	US	162,3
	UY	170,8
0808 30 90	ZA	125,2
	ZZ	134,0
	AR	131,9
	CL	179,2
	CN	85,3
	NZ	210,1
	TR	126,5
	ZA	141,7
0809 30 10, 0809 30 90	ZZ	145,8
	MK	53,8
	TR	136,2
0809 40 05	ZZ	95,0
	BA	57,7
	MK	24,5
	ZZ	41,1

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT